MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 735/2011

**Mobisle Communications Limited – C24655**
**vs**
**Rose Marie Vassallo – ID28847-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mija u sebgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,187.45c) in konnessjoni mas-servizzi rezi numru tal-kont 50968360 u 50993089. Li interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 4190/2010.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza ma' l-avviz tat-talba u cioe` minn Dok “A” sa Dok “G”.

Ra li ghalkemm il-konvenuta debitament notifikata naqset milli tipprezenta r-risposta fit-terminu preskritt mil-Ligi.

Ra li fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2012 dehret l-istess konvenuta li bil-gurament taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mija u sebgha u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,187.45c) bl-imghax kif miltuba.

Bl-ispejjez huma akkarigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------